A.L. 244 ta’ l-2009

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti ta’ l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta’ Elenki fit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta’ l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ. A.L. 350 ta’ l-2008.

1. (1) It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta’ l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta’ Elenki fit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta’ l-2008 dwar it-Twaqqif ta’ Elenki fit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva, hawn iżjed ’il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Settembru, 2009.

Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-kliem "Elenku dwar Ġurisdizzjoni Ġenerali." fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem li ġejjin:

"Elenku Fiskali

Elenku dwar Ġurisdizzjoni Ġenerali.".

Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“(4) L-assistenti maħtura fuq l-Elenku dwar it-Trasport jkunu kompetenti li jitrattaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-leġislazzjoni li ġejja:

(i) L.S. 65. 19 - Ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta’ Merkanzija b’Vetturi bil-Mutur;

(ii) L.S. 368.01 - Ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur;

u

(iii) L.S. 368.02 - Ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur;

(b) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi emumerat mill-ġdid bħala (6); u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu, għandu jiġi miżjud is-subregolament li ġej:

"(5) L-assistenti maħtura fuq l-Elenku Fiskali jkunu kompetenti li jitrattaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.".

Kap. 364.